# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Illum, 5 ta' Marzu, 2024

Il-Pulizija

(Spettur Nico Zarb)

vs

**Kandala Siva**

Il-Qorti

**Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Kandala Siva ta' 29 sena iben Venkateswarlu u Paiditalli nee Vanka imwieled fis-6 ta' Ottubru 1995 f' Kotta Perumalapuram, Andhra Pradesh l-India, residenti B8, High View Mansions, Triq l-Istasija, Manikata detentur tal- passaport Indjan numerat N9892263.**

Talli nhar il-15/1/2024 għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu u jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Imsida.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

1. Fl-istess data lok, ħin, perjodu u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħa tagħrif falz.

2. Fl-istess data lok, ħin, perjodu u ċirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali.

Rat d-dokumenti ezebiti mal-prezentata taht arrest.

Rat li fil-16 ta' Jannar, 2024 l-imputata infurma lil Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija izda jifhem bil-lingwa Hindi. Il- Qorti hatret lil Sirkar Piyali sabiex titraduci mill-lingwa ingliza ghal dik Hindi u Dr Alexandra Mamo bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa.. Fl-istess seduta l-ispettur Nico Zarb that gurament qara u pprezenta l-akkuza kontra l-imputat;

Rat li d-difensur tal-imputata ma huwiex qed jikkontesta l-validita' tal-arresta u l-Qorti wara li semghet lil Ispettur jispjega c-cirkostanzi li wassal ghal arrest tal-imputat tqis li l-arrest huwa gustifikat u gie ezegwit skont il-ligi u ghalhekk qed tikkonfermah.

Rat li l-imputat ddikjara li mhux hati tal-akkuzi migjubha kontra tieghu ;

Rat l-artikoli Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Daniel Dimech xehed hekk**

Pros: Tispjega l-Qorti l-involviment tiegħek jew. Fis-7 ta' Diċembru, is-sinjur Siva Khandala preżenta fl-uffiċċju lease agreement bejn Mary Grace Zammit u Ghandan Kumar u fuq wara kif ukoll hemm l-isem tas-sinjur Khandala. Għaldaqstant saqsejna lill-landlord, Mary Grace Zammit, li tatna lista ta' min qed jgħix fuq dak li address li huwa l-istess address u tal-persunal is-sur Khandala ma jidhirx fuq dik il-lista. Għaldaqstant tlabnieh biex inkellmuh u mbagħad wara tlabna l-għajnuna tal-pulizija. Fil-15th January 2024. Inti qed taraf lil xi hadd hawn gew?

Xhud: Jien ma tkelimtx mas-sinjur, il-kollega tieghi.

Pros: Xejn izjed.

Avu: Mela semmejtilna li sar dan l-eżerċizzju fejn intom u kkuntattjajtu lessor dan isir dejjem sar random sar għax kien hemm rapport?

Xhud: Mela checks fuq il-ful address mal-landlord hemm mela dak kellna każ simili fejn il-land lord fejn kellna suspett fuq dak li address għax kien hemm xi persuni ieħor bl-istess indirizz u ċċekkjajna in-nies kollha li kienu fuq dak l-indirizz u rriżulta dan l-isem.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Min-naħa tagħkom meta kontu qed tagħmlu checks lis-sinjur infurmajtu illi isma għandhom suspett fuq dan l-indirizz?

Xhud: Il-kollegi tiegħi tkellmu miegħu, jiġifieri.

Avu: F'dik il-laqgħa li saret fil-15th January?

Xhud: Iva.

Avu: Verżjoni tiegħu li inti ma kellimtux inti u lil lessor kellimtu inti personalment?

Xhud: Il-Kollega tiegħi ukoll.

**Kylie Long, xehdet hekk**

Pros: Spjega naqra l-Qorti l-involviment tal-każ?

Xhud: Mela dan il-każ huwa bħall-ieħor l-individwu ġie mitlub jattendi għal-appuntament fl-uffiċini tagħna. L-istess pero il-verżjoni ta` dan is-sinjur kienet differenti minn ta' qablu s-sinjura qalilna li d-dokumenti li ssottometta waqt l-applikazzjoni ġew mogħtija lilu minn persuna jismu Anil u ddikjara wkoll li ħallas €200 lil dan Anil. Mela qalilna wkoll li għamel tliet xhur jgħix f' dan l-appartament u kemm dam hemmhekk kien iħallas dawk it-200 euro per month.

Qorti: Meta kontu qed kellimtu direttament?

Xhud: Iva,

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Qorti: Kien hemm interpretu preżenti?

Xhud: Le waħdu ġie.

Pros: Min kien qed iħallas il-mitejn?

Xhud: Mela semma persuna jismu Anil s'hemmhekk aħna wasalna miegħu.

Pros: Qed taraf lil xi ħadd hawn ġew?

Xhud: Iva lis-sinjur tal-gakketta blu li hemm bilqiegħda n-nuċċali.

Qorti: Ix-xhud gharfet lil imputat.

Pros: Issa intom meta kontu qed nistaqsuh id-domandi, minn-naħa tiegħu kif kien qed iwieġeb?

Xhud: Normali meta bdejna nitkellmu miegħu ifhimni huma bħala ingliż, l-ingliż tagħhom ma tantx hu xi ingliż li tgħid ingliż ċar kristall imma ifhimni tifhmu, tifhem hu xi jrid jgħidlek 2000 euro speċi tifhimha l-isem Anil fhimnieh li qalilna tahulu hu. il fil fi mnieħri qalilna li tajhulu hu.

Pros: Meta kontu qed issaqsuh id-domandi kien qed iwegibkom affarijiet fuq xiex affarijiet li kien qed iwiegeb?

Xhud: Urejnieh dokumenti u wieġeb fuqhom l-istess dokumenti li kien issottometta l-istess proċedura bħal persuna ta' qablu.

Pros: Il-persuna l-ieħor li semmejt Anil?

Xhud: Mela is-sinjur li bħalissa hemm bilqiegħda bil-ġakketta blu ehe ikkonferma li d-dokumenti li

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

pprovda gew pprovduti lilu minn xi ħadd jismu Anil.

Pros: Dan ghandkom xi dettalji ohra ta` dan Anil?

Xhud: Le.

Pros: Saqsejtuh min hu jew xi kuntatt?

Qorti: Fejn ha adad-dokuemnti Malta barra fejn qalilkom?

Xhud: Le ma qalilnix ahna saqsjejnieh minn fejn gabhom u kull ma qalilna li tahomlu xi hadd jismu Anil.

Pros: U fejn iltaqa mieghu ma qalilkomx jew hekk?

Xhud: Le.

Avu: Mela jekk ikolli nissuġġerilek li kien hemm diversi rapporti fuq dan Anil fis-sistema tagħkom tant illi ġew jiġifieri sar kuntatt magħkom u saru diversi rapporti kontra dan il-persuna bl-isem an il-nkunu qed nissuġġerixxi li hija korretta jew le?

Xhud: Minn-naħa tiegħi bħala Kylie u impjegata ta' identità lili ta fuqi is-superjuri tiegħi ma tawniex każijiet ta' xi ħadd Anil jista' jkun li xi kollegi tiegħi kellhom każijiet ta' Anil imma aħna kulħadd ikollu il-każijiet tiegħu speċi.

Avu: Inti ghalli jista jkun sirna nafu li l-każ gie flaggjat minħabba l-indirizz għax kellkom każijiet oħra fuq dak l-indirizz naqblu?

Xhud: Iva.

Avu: Issa meta ngħidu kellkom każijiet oħra fuq dak l-indirizz, kien hemm diversi każijiet naqblu?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Iva kien hemm aktar minn dawn it-tnejn minn nies.

Avu: U naqblu wkoll li l-lessee f'kull każ tressaq il-Qorti, Il-persuna li pprovda l-kuntratt f'kull każ tressaq il-qorti naqblu jew ma naqblux?

Xhud: Fuq dan it-tali indirizz iva?

Avu: Kollha tressqu l-Qorti issa u naqblu li l-verżjoni li taha s-sinjur kienet illi d-dokument iffirmat diġà ġie pprovdut lilu minn terza persuna?

Xhud: Ehe minn Anil.

Avu: U naqblu wkoll li dawn in-nies ma tressqux kollha din il-ġimgħa ilhom jitressqu żmien u għomor jew ilhom jitressqu il-ġranet ħalli anzi jew ġimgħat nies fuq dan l-indirizz naqblu jew ma naqblux?

Xhud: Fuq dan l-indirizz li kelli jiena tressqu fil-15.

Avu: Fl-aħħar hmistax jigifieri dawn l-ahhar gimghatejn?

Xhud: Mhux dawn l-ahhar gimghatejn fil-15 tax-xahar gew l-ufficcju jiġifieri mbagħad ikunu għaddejin mill-Pulizija.

Avu: Inti min-naħa tiegħek kellimt lil sid il-kera wkoll?

Xhud: Iva dikjarazzjoni li pprovdejna ftit ilu iffirmata iva mis-sid ltqajna magħha tlabniha tiġi l-uffiċċju biex tiffirma dikjarazzjoni.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Avu: U lil dik is-sinjura fuq il-persuna Anil ġiet mitkellma staqsejtuha min hu Anil jekk tafx min hu?

Xhud: Mela kienet ġiet l-uffiċċju le ma konniex staqsejnieha fuq min hu Anil għax hi kienet tatna lista ta' nies li f'dak iż-żmien kienu qed joqogħdu fl-indirizz tagħha u hi qaltilna li speċi dawk huma n-nies biss li għandhom dritt jgħixu fil-proprjetà tagħha imma l-Anil, qatt ma semmietulna.

Avu: Pero intom ma staqsejtuwiex isma intom dawn il-kuntratti, taf min qed jagħmilhom, staqsejtuha jekk għandux suspett minn seghta qed jagħmilhom l-affarijiet?

Xhud: Meta konna ċempilnilha wara li tressqu dawn it-tliet min-nies.

Avu: Mela inti ghedt wara li tressqu dawn it-tliet snin wara li tressqu kellimtuha jekk qed nifhem sew?

Xhud: Mela ahna meta kellimniha meta ffirmat id-dikjarazzjoni.

Avu: Meta kellimtuha ifirmat id-dikjarazzjoni.

Xhud: Fit-8 tax-xahar.

Avu: U qatt ma saqaejtuha isma' min qed jagħmel dan id-dokumenti tiegħek għandek xi suspetti meta kellimt lis-sinjur naqblu ma ngħatax dritt għal avukat ma ghedtulux qabel li kien hemm suspetti kriminali ma ghedtulux qabel li kien hemm involuta l-pulizija?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Fl-email aħna, l-emails tagħhom li jkun hemm fis-sistema l-emails tal-individwi mhumiex kollha speċi ikunu mhux kollha jaslilhom l-email allura aħna ġieli nħallu lill-employer ikun kopjat fl-email biex hekk l-email ma jasalx għand l-individwu jafzah l-employer u speċi l-individwu aħna u fl-email peress li jkun kopjat l-employer ma niktbux għalfejn ħa jkun qiegħed jiġi b'hekk għax ikun CC l-employer ma ktibnilux fl-email.

Avu: Pero intom lilu ma nfurmajtuhx li għandu dritt tal-avukat?

Xhud: Le dak meta ngħadduh lill-pulizija imbagħad jgħidulu huma x'inhuma d-drittijiet tiegħu?

Xhud: Jigifieri intom tinfurmah bi dritt għal-avukat wara li jiġikom suspett wara li tieħdu l-informazzjoni min għandu l-verżjoni tiegħu.

Qorti: Dottore qaltlek li bilkemm fhemitu bl-ingliz ara kemm tista ttih id-dritt tal-avukat b`xi mod ha jifhem dan.

**<u>Spt. Frankie Sammut xehed hekk</u>**

Xhud: Iva nahlef, mela a fol numru 4 qed naghraf l-istqarijja li ittiehdet l-ufficcju tieghi fil-15 ta` Jannar tal-2024 ta ċertu wieħed Kandala Siva li jiena qed naghraf gewa l-awla.

Qorti: Ix-Xhud indika l-imputat iva.

Xhud: Qed naghraf fil-firem ta' l-istess Kandala Siva li ffirma tiegħi ta` Liam O`Neill PC 304 ukoll tal-interpretu Piyali Sarkar. Irrid ngħid li dak in-nhar ukoll waqt l-istqarrija kien hemm preżenti ukoll Dr. Karl Cordina. U bħala fatti l-istess dan ikkopera magħna rigward min kien

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

ifornielu id-dokumentazzjoni li huwa ċertu Anil Kumar li dan jinsab bħalissa barra minn Malta u qed jiġi investigat minn awtoritajiet oħrajn. Ikkopera tana il-mowbajl exjetrajna id-data minn ġo mill-mowbajl jiġifieri min-naħa tagħna saret l-istess investigazzjoni bħal-każ ta' proċess preċedenti biex niftiehmu.

Avu: Kontroeżami Spettur Sammut ħa nkun ftit repetittiv imma kemm jistabbilixxi fatti mela din hija investigazzjoni illi ġiet avvjata illi bdiet fuq suspett rappurtat mill-aġenzija identità naqblu?

Xhud: Naqblu.

Avu: Issa waqt din l-investigazzjoni is-sinjur indikalkom bħall-imputat … … tiegħu li għadna kif għamilna l-kawża tiegħu jindikalkom terzi li ma jinstabux ġewwa Malta naqblu?

Xhud: Iva, dak iż-żmien ma nstabux li huma.

Avu: Mill-investigazzjoni jekk nissuġġerilek illi dawn it-terzi aġixxew bħala aġenti jew inkella għamluha ta' aġenti mas-sinjur inkunu qed nissuġġerilek xi ħaġa li hija korretta tirriżultalek mill-investigazzjoni?

Xhud: Iva.

Avu: Issa l-istess sinjur wara li intom tajtuh id-drittijiet għażel illi iwieġeb fl-iktar stadju bikri ċioè dak tal-istqarrija naqblu?

Xhud: Ijja.

Avu: Issa, waqt l-interogazzjoni, r-risposti li jipprovdilkom kienu fis-sens li nsaqsi għax għadha mhix dattilografat għandi, kienu fis-sens illi huwa   qal li m'għandu l-ebda tort u kien propju dan l-aġent li kkoordina siegħa

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

dokumentazzjoni kif ukoll kwalunkwe forma ta' permessi li huwa kellu bżonn inkunu qed nissuġġerilek xi ħaġa li hija korretta?

Xhud: Ijja.

Avu: Dan l-agent fil-preżent u anke wara li indikahulkom is-sinjur qiegħed jiġi investigat attwalment mill-pulizija lokali?

Xhud: Ma sibniex hawn Malta ma kienx qieghed hawn Malta.

Avu: Inħareġ mandat mingħand Maġistrat mandat ta' arrest ma nafx għax nkella investigazzjoni oħra parallel imma ma nafx liema wieħed bl-amment inħareġ il-mandat ta' arrest ha nkun onest.

Avu: Allura nkun safe illi ngħid illi dan l-istess allegat aġent qatt ma ġie interrogat minn naħa tal-pulizija naqblu?

Xhud: Le.

Avu: Issa għal dak li għandu x'jaqsam is-sinjur ukoll intom indikajtulu dokument ta' kera allegatament falz naqblu?

Xhud: Ħa nkompli mar-risposta ta' qabel. Filfatt dan ipprovdieli naħseb dak kien ipprovdieli numru tal-Italja, jiġifieri wisq probabbli. Dan l-aġent għax huwa residenti biss hawn Malta, jiġifieri imur u  jiġi qed tifhem mhux xi ħadd li huwa stazzjonat ghax ippruvajna nsibu naraw min hu mm imma qed nara li kien pprovdieli ukoll numru allura.

Avu: Allura l-Investigazzjoni inbdiet fil-konfront tiegħu?

Xhud: Mhux hekk.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Is-sinjur ukoll mill-investigazzjoni jirriżulta li intom ukoll is-sinjur kellu kuntratt ta' kera which burse his name naqblu?

Xhud: Dawn jidhirli kienu l-istess ċirkostanzi.

Avu: Kienu l-istess cirkostanzi.

Qorti: Jien għalija mbilli tgħidli cirkostanzi dawn zewg kawżi separati.

Xhud: Dan jippreżenta għandek raġun sur Magitrat għandek raġun. Dan ġie pprovdut kuntratt ta' ċertu wahda Mary Grace Zammit sewwa u skond Identity Malta dawn iċċekkjaw ma' din Mary Grace Zammit fejn dawn stqarrew li dan lanqas kienet biss taf bih li kien speċi inkwilin taghha.

Avu: Issa jekk nissuġġeriha mill-investigazzjoni jekk nissuġġerilek illi jirriżulta li s-sinjur la jaf jaqra u lanqas jikteb u jbati ħafna biex jifhem bl-ingliż, jiġifieri infatti llum għandu traduttur miegħu?

Xhud: Ifhimni jien uzajt l-interpretu.

Avu: Domanda oħra Spettur forsi mill-esperjenza tiegħek proċedura ġenerali biex anke nifhmu wkoll jiġifieri dak li jagħmlu s-sinjuri proċedura ġenerali. Min-naħa tal-Identity Malta hemm persuna inkarigat biex jispjega lin-nies x'inhi l-proċedura li jridu jagħmlu meta tasal Malta, jiġifieri marret point of contact jiġi Malta jew l-individwu għandu jagħmel ir-riċerka tiegħu u sta għalih li jippreżenta d-dokumenti neċessarji?

Xhud: Din hija domanda li tista' tirrispondiha biss Identity Malta dik hija awtorita differenti u l-proċeduri dejjem jinbidlu ma nkunx naf il-proceduri.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Mela pero f'ċirkostanzi simili jew f'ċirkostanzi third country nationals li ġew Malta hija proċedura normali li jkun hemm aġent mill-esperjenza tiegħek?

Xhud: Jekk ha nitkellmu fuq l-esperjenza inti ġeneralment dawn isiru kuntatti minn meta jkunu pajjiżhom.

Avu: Kuntratt jiġifieri aġent?

Xhud: Mhux hekk ikun hemm xi ħadd jagħmilha ta' aġent issa jekk intix aġent irrikonoxxa,

Avu: Li jkun hemm xi ħadd jagħmilha ta' aġent, jiġifieri dik hija l-procedura?

Xhud: Generalment ikun hawn dawn it-tamping agents recrueters qed tifhem li jkunu jridu l-ħaddiema u jitolbu.

Qorti: Qed nassumi qed tuza terminu agent in it`s most,

Avu: Jigifieri, tispeċifika, jiġifieri speċifikament x' irid ifisser?

Xhud: Eżatt aġent jiena ma nifhimx b'aġent aġent ma jeżistix essaġġ hawn Malta bħala liġi meta qed nitkellmu fuq affarijiet ta` immigrazzjoni meta jkollok inti temping agent li huwa dawn il-kumpaniji li jagħmlu recruitment minbarra dawn issir il-komunikazzjoni bejniethom u bejn l-aġenziji ta' barra jgħidulhom għandna bżonn eżempju tant nies fil-catering u dawn jipprovdulhom in-nies. Imma mbagħad kif taħdem il-proċedura interna ta' Id Malta,

Avu: Pero tirrikonoxxi li jkun hemm aġent barra minn Malta nvolut fil-proċedura meta jkollok?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Bilfors hekk hu ha ssib in-nies, Dan mhux se tmur hemmhekk sakemm l-aġenzija m`għandhiex il-fakultà li għandha nies hemmhekk li tibgħathom hemmhekk jippikjaw in-nies jien qatt ma smajt, meta ġġib lil xi ħadd għamel komunikazzjoni ma' barra tgħidilhom għandi bżonn persuni biex jaħdmu dan ix-xogħol.
Hawnhekk qed nassumi x' jista' jkun ġara, jiġifieri kif ġew hawn ma nafx.

Avu: U lilek u lilek irriżultalek is-sinjuri kienux Malta qabel jekk kellhomx konoxxenza ta' Malta?

Xhud: Jekk m'iniex sejjer żball dan kellu nterim receipt hija għar-riċevuta ta' bilfors kienet hawn Malta qed tifhem fil-fatt indirizz li kellu … … receipts jgħajjat il-Mellieħa.

Avu: Id-data l-… receipts tiegħu meta jkun?

Xhud: 7/12/2023.

AvuL: Jiġifieri bilfors kien qiegħed Malta xahar qabel?

Xhud: Bilfors inti biex toħroġlok dik qed nitkellem mill-esperjenza tiegħi, ta' jiġifieri mhux qed nitkellem x' x investigajt, jiġifieri tiġi hawn Malta persuna. Dan jiġi bil-visa biex ikompli dan ma tinhariglu ebda karta biex jibda l-proċess inti. Dan irid imur Identity Malta jeħdulhom dawk li jgħidulhom l-biometrics u ritratt qed tifhem, jiġifieri hemm proċess li jrid ikompli ma ID Malta qed nifhem mhux xi ħaġa li tkun lesta diġà minn meta ġie barra, jiġifieri għalkemm ġie hawnhekk.

Qorti: Jigifieri japplika ghall-modo di dire hawnhekk.

Xhud: Inti toħroġ biss l-approval in principal. Imma biex imbagħad inti jkollok il-permess f'idejk

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

trid tkompli l-proċess hawn Malta qed isir health screening qed isiru dawn l-affarijiet.

Avu: Pero naqblu li hu kien wasal Malta, iġifieri hu kien f'dan il-proġett jagħmel health screening li jagħti l-biometrics kien fl-ewwel stadju ta' meta wieħed jasal Malta?

Xhud: Bilfors.

Avu: Dak kollox.

**<u>Mary Grace Zammit, xehdet hekk:</u>**

Xhud: Iva nahlef, qed taghraf lil xi hadd fl-awla?

Xhud: Le.

Pros: Għidilna daqsxejn l-indirizz?

Xhud: Mela flat 6, binja Lenieq, triq il-Hamrija, Naxxar.

Pros: Se nippreżentalek dan id-dokument qed nirreferi ghall-fol 16 dan iddokument taghrfu? Ma nafx il-firma tiegħek x'imkien f'dak id-dokument?

Xhud: No le le.

Pros: Bejn fol 16 u fol 19 tara xi firma li tappartjeni lilek?

Xhud: Le.

Pros: Fol 22 taghraf xi firem?

Xhud: Iva tieghi.

Pros: Tista x`jikkonsistu dawn id-dokument?

Xhud: Dawn kienu bagħtu għalija l-ID Malta il-ghaliex kien hemm xi ismijiet u kienu staqsewni fuqhom u jiena l-ewwel għedtilhom ħa niċċekkja sew il-kuntratt il-għaliex l-ismijiet tagħhom bl-amment ma niftakarhomx, mbagħad kont mort fejn għedtilhom milli le dawk l-ismijiet, Jiena qatt ma kienu fil-kuntratt tiegħi u ffirmajt din.

Pros: In-nies li għandek jabitaw fil-residenza li semmejt inti taf min huma?

Xhud: Ġieli iltqajt maghhom kollha kemm huma iva.

Pros: U f`din l-alwa minti taghraf lil hadd li jghix fir-residenza?

Xhud: Le le.

Pros: Dak kollox.

Avu: Kontro Ezami, mela sinjura, Mela sinjura issemma li inti tikri xi proprjeta sewwa din il-proprjeta l-ewwel nett kemm ilek tikri bejn wiehed jew ieħor mhux lill-istess nies tinkera in ġenerali qed nitkellmu?

Xhud: Ilha minn Lulju 2022.

Avu: Issa jekk ikolli nissuġġerilek li ġeneralment in-nies li jabitaw fi propjeta mikrija tiegħek huma third country national nies minn barra mill-ewropa inkun minnu jew le?

Xhud: Iva.

Avu: Inti biex bdejt jew biex tikri l-proprjetà biex sar kuntatt soltu speak u beda jinkera inti kont ġejt ikkuntattjata jew ikkuntattjajt persuna partikolari jew ġew għandek ħafna nies individwalment?

Xhud: Le jiena through agent l-ewwel haga ta` propjeta ta` Malta.

Avu: Orajt u l-Aġent tal-propjetà ta` Malta u jekk ikolli nissugerilek nressaqlek persuna wahda,

Xhud: Eżatt.

Avu: Issa u jekk ikollu nissuġġerilek li dik il-persuna wahda li ressaq l-eks-aġent huwa persuna bl-isem Anil Kumar jew Anil?

Xhud: L-ewwel kuntratt iva.

Avu: Iva jiġifieri tikkonferma?

Xhud: L-ewwel kuntratt li sarli iva għaliex minn dak iż-żmien il hawn saru kuntratti oħra.

Avu: Jiġifieri tikkonferma li l-persuna illi sar kuntatt ha ngħidu hekk jew minnek jew minnu b`isem Anil Kumar sar kuntatt ma' din il-persuna u kien hemm ftehim miegħu?

Xhud: Mhux kuntatt biss sar kuntratt iva ghandi kollox mal-Housing kollox irregistrat.

Avu: Meta inti ġejt ikkuntattjat a mill-ID Malta u tajt l-istatement. L-istqarrija li ġiet ippreżentata wkoll inti ghallijista jkun ħa nsaqsik kuntatt, Ma' dan Anil Kumar kellek b`xi mod?

Xhud: Noo.

Avu: U ma nimmaġinax li ppruvajt tikkuntattjah wkoll?

Xhud: Lanqas xejn.

Avu: Ok u diffikultajiet simili għal dan il-każ jiġifieri fejn tiġi kkuntatjata minn Identity

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Malta ħabba dubji fuq kuntratt partikolari ġieli kellek qabel?

Xhud: Le qatt ma kelli L-ewwel darba iva milli niftakar jiena dak naf li dak iffirmajt żgur fuq dawn iż-żewġ minn nies dawk żgur.

Avu: U meta ghallijista jkun inti ġejt ikkuntattjat a minn meta mort tispjega l-ID Malta inti lil Anil Kumar semmuwulek Identity Malta?

Xhud: No.

Avu: Inti lilhom semmejtu?

Xhud: Le.

Avu: M' għandhiex iktar domandi.

Qorti: Rieżami.

Pros: Wara l-kuntratt li kont iffirmajt ma Anil Kumar dana għedt intibejn it-2022 wara l-ewwel kuntratt li kont għamilt ma Anil Kumar kien hemm xi aġenti oħra li resqulek nies li qed joqogħdu preżentament fil-proprjetà li għandek inti?

Xhud: Aġenti Maltin?

Pros: Issa jekk hux maltin?

Xhud: Le ma kellix u aqqas barranin, jekk trid nispjega ruħi nista li ġara u mbagħad waqqaft il-kuntratt minn ma' Anil il-għaliex għamilt kuntratt ġdid ma' persuna li għadha sal-lum il-ġurnata bil-kuntratt magħha milli kienet toqgħod hemmhekk stess ħadet kollox.

Qorti: Jigifieri wara sena ma ġedditux il-kuntratt?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Ma Anil qabel sena qabel sena waqqaftu u għamilt kuntratt ġdid ma' persuna li kienet tgħix f'dik il-propjetà tiegħi u għadha tgħix sal-lum.

Pros: Dak kollox.

**<u>Khandala Siva, Imwieled India, xehed hekk :</u>**

Qorti: Mela tridx nibdew iċ-ċirkostanzi kif hu spiċċa hawn Malta għaliex ġie Malta għaliex kien ġej Malta?

Xhud: Biex jahdem hawnekk u rcieva il-work permit.

Qorti: Kif applika għall-work permit?

Xhud: Wasalt Malta f'Diċembru tas-sena 2022 u mort għand il-kumpanija WT Global Company delivery tal-ikel u l-kumpanija talbitni medical document u il-rental agreement u l-kuntratt tal-kera. Kelli ħabib hawnhekk jismu Mali Kangun li kien jaf habib iehor bl-isem Anil Kumar li tkellem ma Anil Kumar pero jien ma nafx xi tkellmu, Malika Kagun il-habib tieghi qalli li kien tkellem ma xi had li kien lest li jghinni biex ingib dawn id-dokumenti.

Qorti: X`dokumenti huma?

Xhud: Il-kuntratt tal-kera li il-kumpanija talbitni u document medici tal-X-Ray. Shrikant talabni 200 ewros biex nikri appartament.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Qorti: Hu fejn kien meta sar dad-diskors?

Xhud: B`Kara.

Qorti: I`m not understanding so he came to Malta before he had applied for his documentation?

Xhud: Ġejt hawnhekk bil-work permit ma' din il-kumpanija.

Qorti: Jigifieri dawn l-applikazzjonijiet li għamel għamilhom barra minn Malta?

Xhud: Iva meta kont l-Indja.

Qorti: Issa how did he get to know how to apply what he had to do?

Xhud: Hemm agent fl-Indja bl-isem ta Sachis u gheni biex napplika ghall-dan l-impjieg.

Qorti: Jiġifieri x'għamel?

Xhud: Hallast 6,000/7,000 ewros lil Shatish, u Shatish qalli li kien ha jiehu hsieb id-dokumentazzjonijiet kollha, fl-Indja.

Avu: Issa fix-xhieda tieghu qabel qal li meta kien B`Kara sar kuntatt ma' xi ħadd biex jgħinu. X'kien hemm bżonn ta' din għalfejn kien hemm bżonn l-għajnuna x'ried jghid biha din l-għajnuna?

Xhud: Jiena ma ikkunttatjatx lil Anil jew Shrikan jew lil habib tieghu imma l-habib tieghi Malika Kagun ikkuntattjahom. Minhabba helath screening document u l-kuntratt tal-kera.

Qorti: Jigifieri dan biex jiehu xi haga lil Identity Malta jew xi haga hekk jekk qed nifhem sew?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Mela meta, jiena wasalt Malta l-ghada Shrikan baghtli il-location fejn jien kelli noqghod f`Malta jiena hallast 200 lil Shrikan u pero hadni f`Hostel San Giljan.

Qorti: But what I`m not undwerstanding is how he got to Identity Malta I haven’t arrived there yet?

Xhud: Wara li jiena wasalt Malta ridt niprocessa l-identity card minhabba l-ID Malta kelli niehu helath l-insurance u anki l-kuntratt tal-kera.

Qorti: Issa il-kuntratt tal-kera eccettra DOK a fol 23 x`ha jghidli fuqu?

Xhud: Dan huwa kuntratt prezenti tal-kera fejn qed noqghod.

Avu: U dak id-dokument, a fol 16?

Xhud: Shrikan tahuli mhux dirett lili Shrikant ah lil Malikan Kagun u Malikan Kagun habib tieghi tah lili.

Qorti: U dan x`kellu jaghmel bih dan id-dokument?

Xhud: Anil qal lil habib tieghi li kelli niehu dan id-dokument lil ID Malta.

Qorti: U ghaliex ma hax il-kuntratt l-iehor fejn kien jghix?

Xhud: Meta jiena biddilt l-impjieg tieghi jiena biddilt ukoll fejn kont noqghod, ilni Malta sena.

Qorti: Jiġifieri dak l-indirizz jien mhux qed nifhem għaliex uża l-indirizz li uża fil-kuntratt tal-ID Malta?

Avu: Sinjura il-kuntratt ta fejn qed jirrisjedi il-Manikata sar wara.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Qorti: Mela dak il-mument li mar Identity Malta kien jghix f`dak il-post jew le?

Xhud: L-ewwel kien joqgħod Hostel go San Giljan.

Qorti: Meta mar b'dak il-kuntratt l-identity Malta kien qed jgħix il-Hostel?

Xhud: Iva.

Qorti: Allura ghaliex ma uzax l-indirizz tal-Hostel?

Avu: GHax hu ipprezenta li tawh jekk ma jifhimx bil0lingwa ingliza tahseb li l-Indentity Malta mhux bl-ingliz kellmuh.

Qorti: Mela il-Qorti tirrileva li kien qed ikollha diffikultajiet kbar dan sabiex tikkomunika mhux għax sistema fejn interpretu jinterpreta mill-malti għall-ingliż. Imbagħad mill ingliz ghall-Hindi imbagħad mill-ingliż għall-malti. U ovvjament sitwazzjoni inqas milli feliċi.

Xhud: Meta jiena wasalt Malta ma kelliex idea ta indirizz Shrikan hadni San Giljan umbagahd tani indirizz iehor ghall-ID Malta.

Qorti: Jigifieri dan kien qed jaghmel li qed jghidulu mighhajr ma kien jaf x`inhu ghaddej u hu ghamel dak li qallu minghajr ma jaf x`qed jigri hekk qed nifhem?

Avu: Ezatt sinjura.

Xhud: Iva nikkonferma kont qed naghmel dak li qed jghiduli minghajr ma jiena naf x`qed naghmel.

Qorti: Kontro Ezami.

Pros: ID Malta talbuk biex tipprovdilhom il-lease agreement meta kont hemmekk?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Hu issottometta id-dokumenti kollha lil ID Malta.

Avu: Jekk ID Malta saqsewhx huma ghax ma saqsew xejn?

Xhud: Tajt id-dokumenti kollha lil ID Malta iccekkjawhom u ma saqsewni xejn.

Qorti: Meta Kien hemm ID Malta kien hemm interpretu mill-Hindi?

Xhud: Le.

Pros: Ma kienx jaf bil-lease agreement li ipprovda fil-15 ta` Jannar ghax qed ninnota li hemm … … meta mar prezentament hu stess? Jaf ghalfejn gie arrestat mil-ID Malta?

Xhud: Ma nafx għalfejn arrestawni jiena ma fhimtx.

Avu: Ri Ezami mela hemm il-kuntratt jekk jaghrafx xi firem u dak id-dokument.

Xhud: Hawnekk hawn ismi pero mhux il-firma tieghi a fol 19.

Pros: Mela la kont taf li mhijiex il-firma tieghek ghalfejn ipprezentajtu l-ID Malta?

Xhud: Dak li tani Shrikan jien tajtu lil ID Malta.

**Joanne Cassar, xehdet hekk:**

Qorti: Mela kien xi cirkostanzi rigwardanti il-firma tiegħek jew it-timbru tieghek sinjura reċentement?

Xhud: Yes.

Qorti: X'ġara?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Kif spjegajt qabel kien hemm gurnalist li kien baghtli mesagg via Whats App u via message li kien qalli li kien hemm kien bagħatli ritratt tal-firma tiegħi u tat-timbru tiegħi li ma kinux l-istess naf li nkiteb artiklu li kien issemma ismi.

**Patricia Graham, xehdet hekk**

Avu: X`taf tghidilna fuq dawn il-proceduri jew investigazzjoni?

Qorti: Imma hi ghaliex ikkunttatjawha? Hi qed tirraprezenta ta` xi entita?

Xhud: Le mhux qed tirraprezenta xi entita`, Anil Kumar l-agenzija fl-Indja kien hemm 30 persuna li gew,

Qorti: Kif tafu dan id-dirkors, xi haga li qed taghmel privatament?

Xhud: Taghmel volontarjat ghan-nies minn barra biex jigu Malta, nghinhom biex jaghmlu kuntatt mal-entitajiet ta` Malta. Meta in-nies gew Malta gew biex jahdmu fil-Christmas village Ta` Xbiex pero ma kienux imhallsa u ghalekk fittxu lili ghax kelli esperjenza ma agenziji.

Qorti: Issa rigwardanti Khandala Siva x`taf?

Xhud: Rigwardanti dan il-kaz inizjalment kelli laqgha mal-pulizija tal-Immigration.

Avu: Bhala zmien ghandha indikazzjoni?

Xhud: $4^{th}$ March 2023. Hadt persuna indjana mieghi ghax kien hemm diskrepanza bejn, hallsu il-flus dawn it-tnejn iffirmaw taw il-medical lil dan il-

persuna lil Anil Kumar. Imbagahd Anil kien jaghmel l0-applikazzjoni f`isem dawn in-nies dawn l-akkuzati u ghalekk ghamilt kuntatt man-Nutar Joanne Cassar ghaliex minhabba dawn id-dokumenti li kienu qed jintbaghtu lili kellhom isimha in-Nutar Joanne Cassar u xi avukati ohra u ma dehrux li kienu ta` veru. Qisu kienu photoshopped ma kienux ta` vera meta gibt id-dokumentazzjoni minghand dawn l-akkuzati ghamilt kuntatt ma Carol Mallia.

Avu: Carol Mallia min hu?

Xhud: Identity Malta jista jkun li huwa ic-CEO mhux certa u infurmajtu fuq xiex indunajt fil0-kawzi taghhom u meta kelli din l-inormazzjoni ta `hafna applikazzjonijiet u hafna envelopes li kienu qed jintbaghtu lil indirizzi differenti l-istess imaghllem l-istess indirizz u naf dawn il-kawzi dawn l-akkuzati kien hemm persuna kien qed jigbor dawn il-karti kollha u kien qed johodhom dawn id-dokumenti kollha lejn post Barack Baazar San Gwann li Anil Kumar kien l-owner tieghu ma nies ohrajn. Ghandha l-ismijiet x`imkien fid-dokumenti.

Avu: Meta sabet dawn il-findings hi x`ghamlet minn naha taghha?

Xhud: Hi tkellemt mal-pulizija tal-immigration, Għamlet laqgħa mal-immigration ghamlet laqa` mal-Identity Malta ukoll miljun drabi baghtet emails lil Prim Ministru u Ministru tal-affarijiet Barranin kienet tibghat l-istess email.

Avu: Issa qed taghmel referenza ghall-korrispondenza?

Xhud: Ghandha email li baghtet lil dawn il-persuni. Ghandha pendrive ukoll.

Avu: Jekk taf x`inhi sitwazzjoni illum?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

| | |
|---|---|
| Xhud: | Qeghda hawn illum biex nispjega il-Qorti jiena naf Anil Kumar kif jahdem kemm ha flus u kif jopera il-business tieghu u jinkontrolla dawn in-nies b`email tieghu jekk Identity Malta tipprova taghmel kuntatt ma dawn in-nies huma jaghmlu kuntatt ma dal-persuna Anil Kumar. |
| Avu: | Issa u illum il-gurnata x`sar minnu dil-persuna jekk taf? |
| Xhud: | Anil Kumar gie arrestat Hyderabad filghodu fl-India minhabba din is-sitwazzjoni f`Malta. |
| Avu: | Forsi tghidilna jigifieri ir-rapport li sar l-India kif sar taf? |
| Xhud: | Kien hemm rager iehor ma dawn l-akkuzati hu irritorna l-India kien arrestat l-istess zmien u ghazel li jigi deportat lejn l-Indja minflok imur il-habs. Meta mar lura l-Indja fetah il-proceduri b`avukat, l-avukat ahna inkoraggejna in-nies hawnekk Malta biex jaghmlu kuntatt mal-avukati fl-Indja u qed jahdmu flimkien fl-Indja. |
| Pros: | Kontro Ezami, Kienu propju dawn in-nies qed nirreferi ghall-Khandala Sive li approwcja lilek? |
| Xhud: | Iva kien Khandala Siva hu ghamel kuntatt mieghi through il-Christmas Village Whats App chat li kienet semmiet qabel. |
| Pros: | Qabel semmejt li certu hanut Barack Baazar semmejt li kien hemm xi nies ohra mieghu involuti mieghu taf min huma? |
| Xhud: | Iva ghandi l-ismijiet taghhom. Jien irrapurtajt dan il-Baazar fl-emails lin-nies kollha tal-Identity Malta. Jiena anki hadt din l-informazzjoni ta barack Baazar Carol Aquilina Spettur l-Indetita Malta u l-Ispettur Caludio Spiteri mhux certa. |

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Pros: Daqsekk kollox.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li il-kas tal-prosekuzzjoni hu ibbazat fuq xhieda li ma jghidhux bic-car minn liema_entita qed jixhed, dokumenti fotokoppjati, assersazzjonijiet li dokumenti huma foloz minghajr prova li dawn id-dokumenti huma attwalment foloz.

Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax li l-imputat kellhu l-intenzjoni (*mens rea*) li jaghmel att krimininuz meta hu tramite terz li ghamel l-arrangjamenti u ffirma dokumenti sabiex tigi processata l-applikazzjoni. Hu car li kien hemm terzi involuti, u irrizulta ukoll li ma jifhimx la bil-lingwa Ingliza u l-anqas bil-lingwa Maltija tant li kellhom jinhatru zewgt traditturi f' kull seduta.
F'dawn ic-cirkostanzi mhux ippruvati imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Kandala Siva** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta